MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1459/2004

**Marco Desira**
**vs**
**Mona Farrugia**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija (Lm820) rapprezentanti nofs ammont li gie mhallas mill-istess attur lis-socjeta SG South Limited bhala konsegwenza ta' sentenza definittiva tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) datata 25 ta' Lulju 2002 f'l-ismijiet SG South Limited vs Marco Desira u Mona Farrugia, kif ukoll spejjes sussegwenti marbuta ma' l-istess kawza, b'l-ispejjez u b'l-imghaxx.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet li:-

- L-attur ghandu l-ewwel nett igib prova dwar l-ispejjez li allegatament inkorra.
- Bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur jidher illi hallas ferm aktar bhala imghaxx milli kellu jhallas lil SG South Limited, mentri huwa dmir tieghu li jimminimizza l-ispejjez. Ghalhekk ma tispettalux rifuzjoni fl-ammont mitlub.
- Bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta talbet lill-attur ghal prospett ta’ l-ispejjez tieghu kemm il-darba kif jidher mill-faxes datati 2.02.04, 4.02.04, 5.03.04, 20.3.04 u 6.04.04, hawn annessi bhala ‘Dok M1’, ‘Dok M2’ u ‘Dok M3’, ‘Dok M4’ u ‘Dok M5’ rispettivament. L-attrici fl-ebda stadju ma cahdet li hemm dovut, anzi dejjem talbet l-ewwel nett prospett, biex tara l-ammonti inhadmux sew, sabiex imbaghad tinhadem sistema ragunevoli ta’ pagament tenut kont ta’ kollox, u dejjem sostniet illi l-ftuh ta’ kawza jkun hela ta’ flus inutili ghal kulhadd.
- Ghaldaqstant, u bla pregudizzju ghas-suespost, tenut kont kemm ta’ l-ekwita li tiggwida lil dan l-Onorabbli Tribunal kif ukoll tas-subartikolu 10(1) tal-Kap 380, il-konvenuta titlob li c-cirkostanzi odjerni ghandhom jigu kkunsidrati bhala specjali a tenur ta’ l-istess subartikolu u konsegwentement li l-ispejjez tal-procedura odjerna jigu allokati lill-attur.
- Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra x-xhieda ta’ Marco Desira, Mona Farrugia u l-Avv Dr Antonio Tufignio.

Ra d-dokumenti esebieti inkluz korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u l-affidavits ta’ Mona Farrugia u l-Avv Dr Antonio Tufignio.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijet tal-kontendenti.

Ikkunsidra

Il-fatti saljenti relattivi ghal din il-kawza huma relattivament semplici:-

- In forza ta’ sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta’ Lulju 2002 fil-kawza f’l-ismijiet SG South Limited vs Marco Desira u Mona Farrugia (Avviz Numru 2665/97 DM) il-kontendenti odjerni gew ikkundannati in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) lil SG South Limited b’l-ispejjes.

- Fil-5 ta’ Settembru 2002 SG South Limited (tramite il-konsulent legali taghha) kitbet lill-kontendenti odjerni u talbet hlas tas-somma globali ta’ elf hames mija u dsatax il-lira Maltija u zewg centezmi (Lm1,519.02) liema somma kienet tikkomprendi sorte imghaxx u spejjez dovuta ai termini ta’l-imsemmija sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati.

- Fid-9 ta’ Settembru 2002 l-attur hallas nofs l-ammont mitlub u cioe hames mija disgha u sebghin lira Maltija (Lm579).

- Il-konvenuta baqghet ma hallsitx il-bilanc ta’ l-ammont dovut u s-socjeta SG South Limited harget mandat ta’ sekwestru ghall-bilanc li kien dovut; il-mandat inhareg kontra l-attur.

- L-attur ghalhekk hallas l-ammont li kien qed jigi mitlub u cioe Lm800; dan il-hlas sar permezz ta’ cheque datat 5 ta’ Novembru 2003.

- L-attur kellu jhallas ukoll Lm50.00 biex jottjeni kontro-mandat ghall-mandat ta’ sekwestru li kien inhareg fil-konfront tieghu.

- Minn hawn bdiet korrispondenza bejn il-kontendenti dwar il-hlas li kellu jsir mill-konvenuta lill-attur, liema korrispondenza ma wasslet ghall-ebda ezitu pozittiv u l-attur wasal biex intavola dawn il-proceduri.

Jidher kemm mir-risposta u mix-xhieda tal-konvenuta, kif ukoll minn nota ta’ sottomissjonijiet taghha li l-kontestazzjoni tal-konvenuta ma kenitx tirrigwarda s-sorte u l-ispejjez imma kienet tirrigwarda biss l-ammont imhallas

mill-attur lil SG South Limited rapprezentanti l-imghaxx. Fil-fatt fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ghamlet referenza ampja ghall-gurisprudenza relattiva ghall-metodu kif ghandhu jigi komputat l-imghaxx meta litigant jitlob somma ndeterminata.

Pero t-Tribunal ihoss li din l-argumentazzjoni f’dan l-istadju u f’dawn il-proceduri huma rrilevanti. Jekk il-konvenuta kellha xi oggezzjoni ghall-metodu kif gie komputat l-imghaxx mis-socjeta SG South Limited meta din is-socjeta talbet hlas ai termini tas-sentenza mghotija fil-25 ta’ Lulju 2002 hi kellha tiehu passi dak in-nhar.

Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuta min-naha taghha hadet xi passi biex jigi ridott l-imghaxx reklamat minn SG South Limited jew li almenu kkontestat dan l-imghaxx. Lanqas ma tirrizulta xi korrispondenza bejn il-konvenuta u s-socjeta SG South Limited li permezz taghha l-konvenuta rrispondiet ghat-talba ta’ hlas li saret minn din s-socjeta in segwietu ghall-kawza deciza. Fil-fehma tat-Tribunal kienet propju din l-inadempjenza tal-konvenuta li wassal biex jinhareg mandat ta’ sekwestru ezekuttiv kontra l-attur.

L-attur min-naha l-ohra, rinfaccjat b’sekwestru, ma kellux alternattiva hlief li jhallas l-ammont pretiz permezz tas-sekwestru. Il-konvenuta ma tistax issa tinqeda b’din il-kawza biex taghmel dak li ma ghamlitx a tempo vergine fil-konfront ta’ SG South Limited meta dawn talbu l-hlas dovut lilhom. Fil-fatt l-Avukat taghha fix-xhieda tieghu jghid li “*f’dawk ic-cirkostanzi jien ma deherlix li kien hemm lok illi l-konvenuta tikkontesta l-ammonti li kienu gew reklamati minn SG South Limited*” (ref fol 77 tal-process). Anke t-Tirbunal huwa tal-fehma li kontestazzjoni dwar l-imghaxx reklamat mis-socjeta SG South Limited kellha ssir f’sede ohra u f’zmien iehor.

L-attur qed jitlob nofs l-ammont li gie mhallas minnu lis-socjeta SG South Limited, kif ukoll spejjez sussegwenti u relatati.

Mill-atti jirrizulta li l-ammonti li thallsu lil SG South Limited kienu tnejn: wiehed ta’ sebgha mija disgha u hamsin lira

Maltija (Lm759) u l-iehor ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800); jirrizulta ukoll li spejjez relatati u sussegwenti kienu ta' hamsin lira Maltija (Lm50) li kienu ghall-hrug tal-kontro-mandat. Ghalhekk nofs l-ammont imhallas lil SG South Limited huwa ta' sebgha mija disgha u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm779.50) {Lm759+Lm800=Lm1559/2=Lm779.50}.
Konsegwentement l-ammont dovut lill-attur huwa ta' tmien mija disgha u ghjoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm829.50) {u cioe Lm779.50+Lm50.00} pero huwa llimita t-talba tieghu ghal tmien mija u ghoxrin lira Maltija (Lm820) li huma gustifikati u dovuta.

Dwar l-ispejjes ta' dawn il-proceduri t-Tribunal ma jikkondividiex it-tezi tal-konvenuta li din il-kawza saret inutilment da parti ta' l-attur.

Il-konvenuta kellha bizzejjed informazzjoni biex tkun tista tirregola l-pozizzjoni taghha u t-Tribunal hu tal-fehma li l-korrispondenza li giet skambjata kienet biss inteza biex itawwal iz-zmien u tkompli tiskarta l-obbligi taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija (Lm820) b'l-imghaxx mid-data tan-notifika ta' l-avviz u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------